**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0141/2022 }**
**B9-0142/2022 }**
**B9-0143/2022 }**
**B9-0144/2022 }**
**B9-0145/2022 }**
**B9-0148/2022 } RC1**

9.3.2022

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:
B9-0141/2022 (The Left)
B9-0142/2022 (Verts/ALE)
B9-0143/2022 (S&D)
B9-0144/2022 (Renew)
B9-0145/2022 (ECR)
B9-0148/2022 (PPE)

dwar il-Myanmar, sena wara l-kolp ta' stat
(2022/2581(RSP))

**Željana Zovko, Tomáš Zdechovský, Michael Gahler, David McAllister, Sandra Kalniete, Isabel Wiseler-Lima, Tom Vandenkendelaere, José Manuel Fernandes, Gabriel Mato, Antonio López-Istúriz White, Paulo Rangel, Luděk Niedermayer, Loránt Vincze, Sara Skyttedal, Janina Ochojska, Seán Kelly, Christian Sagartz, Arba Kokalari, Loucas Fourlas,**

**Jiří Pospíšil, Peter Pollák, Stanislav Polčák, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Miriam Lexmann, David Lega, Stelios Kympouropoulos, Michaela Šojdrová, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas, Ivan Štefanec, Vangelis Meimarakis, Vladimír Bilčík, Romana Tomc, Inese Vaidere, Lefteris Christoforou**
f'isem il-Grupp PPE
**Pedro Marques, Andrea Cozzolino, Evin Incir**
f'isem il-Grupp S&D
**Urmas Paet, Petras Auštrevičius, Izaskun Bilbao Barandica, Olivier Chastel, Dacian Cioloş, Vlad Gheorghe, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Svenja Hahn, Michal Šimečka, Ramona Strugariu, Hilde Vautmans, Dragoş Pîslaru**
f'isem il-Grupp Renew
**Heidi Hautala**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Anna Fotyga, Karol Karski, Adam Bielan, Bogdan Rzońca, Elżbieta Kruk, Elżbieta Rafalska, Raffaele Fitto, Ryszard Czarnecki, Valdemar Tomaševski, Witold Jan Waszczykowski, Carlo Fidanza, Bert-Jan Ruissen, Assita Kanko, Vincenzo Sofo**
f'isem il-Grupp ECR
**Pernando Barrena Arza**
f'isem il-Grupp The Left
**Fabio Massimo Castaldo**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Myanmar, sena wara l-kolp ta' stat (2022/2581(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Myanmar, jiġifieri r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-7 ta' Lulju 2016[1], tal-15 ta' Diċembru 2016[2], u tal-14 ta' Settembru 2017 dwar il-Myanmar[3], b'mod partikolari s-sitwazzjoni tar-rifuġjati Rohingya, tal-14 ta' Ġunju 2018 dwar is-sitwazzjoni tar-rifuġjati Rohingya, b'mod partikolari s-sitwazzjoni tat-tfal[4], tat-13 ta' Settembru 2018 dwar il-Myanmar, b'mod partikolari l-każ tal-ġurnalisti Wa Lone u Kyaw Soe Oo[5], tad-19 ta' Settembru 2019 dwar il-Myanmar, b'mod partikolari s-sitwazzjoni tar-Rohingya[6], tal-11 ta' Frar 2021 dwar is-sitwazzjoni fil-Myanmar[7], u tas-7 ta' Ottubru 2021 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar, inkluża s-sitwazzjoni tal-gruppi reliġjużi u etniċi[8],

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/238 tal-21 ta' Frar 2022 li jikkonċerna l-miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Myanmar[9],

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 2021 dwar il-Myanmar,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/711 tad-29 ta' April 2021 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Myanmar/Burma[10],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-1 ta' Frar 2022 tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-Albanija, l-Awstralja, il-Kanada, New Zealand, in-Norveġja, ir-Repubblika tal-Korea, l-Iżvizzera, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti dwar is-sena anniversarju tal-kolp ta' stat militari fil-Myanmar,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tar-Rappreżentant Għoli f'isem l-UE tal-31 ta' Jannar 2022 dwar l-eskalazzjoni kontinwa tal-vjolenza fil-Myanmar, tat-8 ta' Novembru u tat-6 ta' Diċembru 2021 dwar is-sitwazzjoni fil-Myanmar, tat-13 ta' Ottubru 2021 biex tiġi appoġġjata l-ħidma tal-mibgħut speċjali tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN), u tat-30 ta' April 2021 dwar l-eżitu tal-Laqgħa tal-Mexxejja tal-ASEAN,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-11 ta' Jannar 2022 tal-Kelliem tas-Servizz

[1] ĠU C 101, 16.3.2018, p. 134.
[2] ĠU C 238, 6.7.2018, p. 112.
[3] ĠU C 337, 20.9.2018, p. 109.
[4] ĠU C 28, 27.1.2020, p. 80.
[5] ĠU C 433, 23.12.2019, p. 124.
[6] ĠU C 171, 6.5.2021, p. 12.
[7] ĠU C 465, 17.11.2021, p. 135.
[8] Testi adottati, P9_TA(2021)0417.
[9] ĠU L 40, 21.2.2022, p. 8.
[10] ĠU L 147, 30.4.2021, p. 17.

Ewropew għall-Azzjoni Esterna dwar l-aħħar kundanna tal-Kunsillier tal-Istat Daw Aung San Suu Kyi,

– wara li kkunsidra l-Linji gwida tal-UE dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin,

– wara li kkunsidra l-Kunsens ta' Ħames Punti tal-ASEAN tal-24 ta' April 2021,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-President tal-ASEAN tat-2 ta' Frar 2022 dwar is-sitwazzjoni fil-Myanmar,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet dwar il-Myanmar tat-23 ta' Settembru 2021 tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u tat-22 ta' Settembru 2021 tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar,

– wara li kkunsidra r-rapport tas-16 ta' Settembru 2021 tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-29 ta' Diċembru 2021 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar is-sitwazzjoni fil-Myanmar,

– wara li kkunsidra l-istqarrija għall-istampa tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tat-2 ta' Frar 2021 dwar is-sitwazzjoni fil-Myanmar,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tat-30 ta' Jannar 2022 attribwita lill-kelliem tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar is-sitwazzjoni fil-Myanmar,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tat-28 ta' Jannar 2022 mill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar is-sitwazzjoni fil-Myanmar,

– wara li kkunsidra r-rapporti tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-Sitwazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-Myanmar, b'mod partikolari r-rapport tat-22 ta' Frar 2022 bit-titolu "Enabling Atrocities: UN Member States' Arms Transfers to the Myanmar Military (Permess għall-Atroċitajiet: Trasferimenti tal-Armi tal-Istati Membri tan-NU lejn il-Militari tal-Myanmar),

– wara li kkunsidra l-konklużjoni tat-28 ta' Frar 2022 tas-seduti ta' smigħ pubbliċi dwar l-oġġezzjonijiet preliminari mqajma mill-Myanmar fil-każ li jikkonċerna l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju (*Il-Gambja* vs *il-Myanmar*),

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 75/287 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tat-18 ta' Ġunju 2021 dwar is-sitwazzjoni fil-Myanmar,

– wara li kkunsidra r-rapport ta' Diċembru 2021 tal-Uffiċċju tan-NU għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji bit-titolu "Humanitarian Needs Overview – Myanmar" (Ħarsa

ġenerali lejn il-ħtiġijiet umanitarji – il-Myanmar),

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-27 ta' Diċembru 2021 tal-mibgħut speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar il-Myanmar,

– wara li kkunsidra r-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar il-Myanmar, is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-Musulmani Rohingya u minoranzi oħrajn fil-Myanmar,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-2021 tal-Mekkaniżmu Investigattiv Indipendenti għall-Myanmar tan-NU,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Missjoni Internazzjonali Indipendenti ta' Inkjesta tan-NU dwar il-Myanmar tat-22 ta' Awwissu 2019 rigward il-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru fil-Myanmar u l-impatt tal-kunflitti etniċi tal-pajjiż fuq il-ġeneri,

– wara li kkunsidra r-rapporti tal-Mekkaniżmu Superviżorju tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar il-Myanmar,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra tal-1949 u l-protokolli addizzjonali tagħhom,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju tal-1948,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 25 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, fl-1 ta' Frar 2021, il-militar tal-Myanmar, magħruf bħala t-Tatmadaw, bi ksur ċar tal-kostituzzjoni tal-Myanmar u tar-riżultati elettorali ta' Novembru 2020, arresta lill-President Win Myint, lill-Kunsillier tal-Istat Aung San Suu Kyi u membri ewlenin tal-gvern, ħataf is-setgħa fuq il-fergħat leġiżlattivi, ġudizzjarji u eżekuttivi tal-gvern permezz ta' kolp ta' stat, u ddikjara stat ta' emerġenza ta' sena; billi f'Awwissu 2021, il-kap kmandant tal-ġunta militari, Min Aung Hlaing, ħabbar li kien qed jaħtar lilu nnifsu bħala Prim Ministru u li l-istat ta' emerġenza kien se jiġi estiż sa Awwissu 2023; billi Win Myint biss, bħala l-President tal-Myanmar, huwa awtorizzat skont il-kostituzzjoni li jiddikjara stat ta' emerġenza;

B. billi b'reazzjoni għall-kolp ta' stat militari, faqqgħu protesti paċifiċi u dimostrazzjonijiet f'diversi bliet fil-Myanmar li talbu ritorn għad-demokrazija; billi ħadu sehem diversi gruppi, inkluż il-Moviment ta' Diżubbidjenza Ċivili; billi l-forzi tas-sigurtà użaw forza eċċessiva u letali kontra d-dimostranti; billi r-reżistenza popolari kompliet u l-vjolenza użata b'reazzjoni mit-Tatmadaw żdiedet kuljum;

C. billi l-Kumitat li jirrappreżenta lill-Pyidaungsu Hluttaw u l-Gvern ta' Unità Nazzjonali ġew stabbiliti biex jirrappreżentaw ix-xewqat demokratiċi tal-poplu tal-Myanmar;

D. billi fl-24 ta' April 2021, il-mexxejja tal-ASEAN iltaqgħu ma' Min Aung Hlaing, kap kmandant tal-ġunta militari, f'Jakarta u laħqu kunsens ta' ħames punti; billi, mil-lum, il-ġunta militari ma ħadet l-ebda azzjoni biex timplimenta dan il-kunsens ta' ħames punti; billi mill-adozzjoni tal-kunsens ta' ħames punti 'l hawn, il-vjolenza fil-fatt eskalat u żdiedet b'mod drammatiku;

E. billi f'Mejju 2021, il-ġunta militari ħadet il-passi inizjali biex ixxolji l-partit politiku ta' Aung San Suu Kyi, li kien fil-gvern sal-kolp ta' stat ta' Frar 2021; billi l-Kunsillier tal-Istat Aung San Suu Kyi u l-President Win Myint għadhom il-ħabs u rċevew l-ewwel sentenzi tagħhom minn firxa ta' akkużi miġjuba kontrihom; billi Aung San Suu Kyi inizjalment ġiet ikkundannata għal erba' snin ħabs, li aktar tard ġew imnaqqsa għal sentejn, iżda qed tiffaċċja mill-inqas tnax-il akkuża b'kollox;

F. billi l-ġunta wettqet qtil, għajbien sfurzat, tortura u stupru u reati oħra ta' vjolenza sesswali; billi mill-1 ta' Frar 2021, politiċi, uffiċjali tal-gvern, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, atturi reliġjużi, dimostranti paċifiċi u kittieba ġew arrestati illegalment jew inżammu f'detenzjoni domiċiljari; billi l-aħħar stqarrija għall-istampa tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem tat-28 ta' Jannar 2022 tiddikjara li mill-kolp ta' stat, mill-inqas 1 500 persuna nqatlu u mill-inqas 11 787 persuna ġew arrestati arbitrarjament mill-awtoritajiet militari; billi mill-21 ta' Jannar 2022, il-ġunta kienet bagħtet il-ħabs lil 649 membru tal-oppożizzjoni tal-Lega Nazzjonali għad-Demokrazija u 14 kienu mietu matul id-detenzjoni jew ftit wara; billi mill-4 ta' Marzu 2022, il-qrati militari kienu kkundannaw 84 persuna għall-mewt; billi kien hemm mill-inqas 4 924 ġlieda u 1 724 attakk fuq persuni ċivili bejn Frar 2021 u Jannar 2022;

G. billi l-ġunta mmirat lejn in-nisa permezz ta' qtil ekstraġudizzjarju, detenzjoni arbitrarja mifruxa, attakki sesswali u vjolenza abbażi tal-ġeneru; billi aktar minn 2 000 minn dawk detenuti mill-1 ta' Frar 2021 huma nisa; billi minn Diċembru 2021, il-forzi tas-sigurtà tal-ġunta qatlu 94 mara waqt offensivi, interrogazzjonijiet u manifestazzjonijiet kontra l-ġunta;

H. billi l-ksur tal-libertà ta' reliġjon jew twemmin u ta' drittijiet tal-bniedem oħrajn qiegħed jitwettaq fil-konfront tal-minoranzi reliġjużi u etniċi fil-Myanmar; billi sa mill-bidu tal-kolp ta' stat, kien hemm aktar minn 35 rapport dokumentat ta' attakki fuq knejjes u postijiet oħra ta' qima u persuni ta' twemmin, inklużi Nsara u Musulmani;

I. billi l-militar, b'mod parallel, kien qed iżid ir-repressjoni tiegħu fuq il-media fil-Myanmar, b'għadd dejjem jikber ta' ġurnalisti li ġew arrestati, detenuti u akkużati b'mod arbitrarju sabiex isikktu lill-media u jeqirdu l-libertà ta' espressjoni; billi l-ġunta qed tagħmel użu dejjem akbar minn għodod ta' sorveljanza u ta' ċensura permezz ta' restrizzjonijiet fuq it-telekomunikazzjonijiet u l-internet; billi mill-21 ta' Jannar 2022, il-ġunta bagħtet il-ħabs 120 ġurnalist u qatlet tlieta, u b'hekk il-Myanmar sar it-tieni l-ogħla ħabs ta' ġurnalisti fid-dinja; billi l-militar akkuża lil 12-il istabbiliment tal-

aħbarijiet b'reati u/jew irrevoka l-liċenzji tagħhom;

J. billi mill-kolp ta' stat inqatlu mill-inqas 27 attivist tal-unions u 116-il ħaddiem u trejdjunjonista ġew arrestati; billi 16-il organizzazzjoni tad-drittijiet tax-xogħol ġew iddikjarati organizzazzjonijiet illegali u ħafna minnhom ġew imġiegħla jinħbew biex jipproteġu lilhom infushom; billi ġimagħtejn wara l-kolp ta' stat, il-militar introduċa bidliet sinifikanti fil-Kodiċi Penali u fil-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, li saru d-dispożizzjonijiet legali primarji użati biex jiġu akkużati dawk li jopponu r-reġim militari, inklużi l-mexxejja tat-trade unions u d-difensuri tad-drittijiet tax-xogħol;

K. billi l-ġunta hija magħmula mill-istess forzi li nedew l-attakki ġenoċidali fl-2017 u li qed ikomplu jipprattikaw politiki ta' ġenoċidju u segregazzjoni fuq ir-Rohingya; billi s-600 000 Rohingya, bejn wieħed u ieħor, li fadal fl-Istat ta' Rakhine huma suġġetti għal politiki u prattiki diskriminatorji persistenti, ksur sistematiku tad-drittijiet fundamentali tagħhom, arresti arbitrarji, iżolament f'kampijiet iffullati żżejjed għal persuni spostati internament u aċċess limitat b'mod gravi għall-edukazzjoni u għall-assistenza tas-saħħa; billi l-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza tal-Myanmar tiddikjara lir-Rohingya bħala ċittadini barranin jew residenti barranin u għaldaqstant iċċaħħadhom miċ-ċittadinanza, u dan ikompli jaggrava s-sitwazzjoni prekarja tagħhom; billi l-persekuzzjoni tal-minoranza Rohingya ma waqfitx, minkejja l-bosta appelli tal-komunità internazzjonali;

L. billi l-ġunta fil-Myanmar irrifjutat li tinvestiga serjament il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem kontra r-Rohingya u li żżomm l-awturi ta' reati responsabbli għal għemilhom; billi l-awtoritajiet jirrifjutaw li jikkooperaw mal-mekkaniżmi tan-NU; billi dan wassal biex il-Qorti Kriminali Internazzjonali tiftaħ investigazzjoni speċifika dwar is-sitwazzjoni tal-minoranza Rohingya;

M. billi minn Diċembru 2021, il-ġunta militari żiedet l-għadd ta' attakki mill-ajru kontra rħula fl-Istati ta' minoranza etnika, li jinvolvu traġikament mill-inqas 200 000 persuna ċivili; billi skont in-NU, f'Diċembru 2021 diversi persuni mhux armati nqatlu mill-militar, inklużi ħames minorenni li nħarqu ħajjin;

N. billi s-Segretarju Ġenerali tan-NU wissa li r-riskju ta' kunflitt armat fuq skala kbira jirrikjedi approċċ kollettiv għall-prevenzjoni ta' katastrofi multidimensjonali fil-qalba tax-Xlokk tal-Asja u lil hinn;

O. billi aktar minn 453 000 persuna spostata reċentement, li l-biċċa l-kbira minnhom huma nisa u tfal, għadhom maqbuda fiż-żoni ta' kunflitt, barra minn 370 400 persuna oħra li diġà kienu qed jgħixu fi spostament fit-tul qabel Frar 2021 u kważi miljun rifuġjat tal-Myanmar li jinsabu f'pajjiżi ġirien; billi n-NU stmat li hemm 14,4 miljun persuna madwar il-Myanmar li jeħtieġu assistenza umanitarja, li minnhom 5 miljuni huma tfal u 13,3 miljun huma persuni f'riskju ta' insigurtà tal-ikel u ġuħ, żieda minn 2,8 miljun qabel il-kolp ta' stat militari; billi f'Diċembru 2021, l-Uffiċċju tan-NU għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji ħareġ il-pjan ta' rispons umanitarju tal-2022, li jiddikjara li huma meħtieġa USD 826 miljun biex jintlaħqu s-6,2 miljun persuna fil-bżonn ta' appoġġ umanitarju li jsalva l-ħajja;

P. billi l-aċċess u d-distribuzzjoni tal-għajnuna umanitarja ġew ristretti ħafna u mxekkla intenzjonalment mir-reġim, li qered l-infrastruttura f'żoni fil-bżonn, arresta ħaddiema tal-kura tas-saħħa, ċaħħad lil persuni minn mediċini u ossiġnu u arresta u qatel mexxejja tal-knisja u voluntiera lokali li jipprovdu appoġġ umanitarju;

Q. billi s-sitwazzjoni umanitarja fil-Myanmar marret għall-agħar ukoll minħabba t-trattament negliġenti tal-kriżi tal-COVID-19 mill-ġunta; billi l-forzi militari użaw il-miżuri kontra l-COVID-19 għal finijiet ta' repressjoni tal-attivisti favur id-demokrazija, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ġurnalisti; billi l-ġunta għalqet l-isptarijiet u żammet lill-professjonisti tas-settur mediku taħt il-mira tagħha, u dan wassal għall-kollass tas-sistema tas-saħħa hekk kif il-każijiet ta' COVID-19 qegħdin jiżdiedu fil-pajjiż kollu; billi t-truppi qerdu t-tagħmir u l-provvisti mediċi u okkupaw għexieren ta' strutturi mediċi, u dan ġiegħel lill-poplu tal-Myanmar ma jersaqx lejn strutturi mediċi minħabba biża' li jinżammu f'detenzjoni jew jisfaw vittmi ta' tiri; billi l-ħabsijiet iffullati u n-negliġenza ġenerali tas-saħħa tal-priġunieri kkontribwew għal żieda fl-għadd ta' infezzjonijiet tal-COVID-19;

R. billi t-Tatmadaw u l-ġenerali tagħha qegħdin jiżguraw illegalment fondi permezz tal-bejgħ illegali ta' injam, ħaġar prezzjuż, gass u żejt u huma akkużati b'allegazzjonijiet ta' korruzzjoni mifruxa; billi miżuri adegwati ta' diliġenza dovuta għadhom mhumiex fis-seħħ biex jiddeterminaw is-sorsi tal-ħaġar prezzjuż li jixtru n-negozji u l-konsumaturi Ewropej; billi d-dħul mill-gass huwa l-akbar sors ta' introjtu minn muniti barranin tal-militar, li jammonta għal madwar USD 1 biljun fis-sena f'dazji, taxxi, royalties, miżati, tariffi, u profitti oħra; billi 19-il bank li joperaw internazzjonalment investew aktar minn USD 65 biljun f'18-il kumpanija li għandhom rabtiet kummerċjali diretti u fit-tul mal-militar tal-Myanmar jew ma' entitajiet statali li l-militar qed jipprova jikkontrolla bħala riżultat tal-kolp ta' stat;

S. billi fit-21 ta' Frar 2022, l-UE ħabbret l-adozzjoni ta' sanzjonijiet addizzjonali kontra individwi u entitajiet għall-involviment tagħhom fi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar; billi l-Myanmar Oil and Gas Enterprise (MOGE), waħda mill-entitajiet inklużi fil-lista, hija intrapriża tal-istat li waqgħet taħt il-kontroll tal-ġunta militari mill-kolp ta' stat tas-sena li għaddiet; billi deroga mir-reġim ta' sanzjonijiet tippermetti b'mod espliċitu lill-operaturi taż-żejt u tal-gass tal-UE li jibqgħu fil-Myanmar biex iwettqu tranżazzjonijiet finanzjarji mal-MOGE;

T. billi l-ġunta militari qed tirċievi ajruplani tal-gwerra u vetturi blindati miċ-Ċina u mir-Russja; billi dawn intużaw kontra l-popolazzjoni ċivili sa mill-kolp ta' stat tas-sena li għaddiet; billi s-Serbja awtorizzat rokits u artillerija għall-esportazzjoni lejn il-militar tal-Myanmar; billi ċ-Ċina u r-Russja għamlu ħafna sforzi politiċi, militari u ekonomiċi bil-għan li jilleġittimizzaw il-ġunta; billi t-tnejn li huma għandhom rabtiet mal-forzi armati tal-Myanmar, bħala l-akbar fornituri tal-armi lill-pajjiż; billi ż-żewġ pajjiżi ripetutament waqqfu l-attentati tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex jaqblu fuq dikjarazzjonijiet dwar is-sitwazzjoni fil-Myanmar;

U. billi l-ġunta tal-Myanmar esprimiet l-appoġġ tagħha għall-gwerra ta' Putin kontra l-Ukrajna;

V. billi r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar indika f'dikjarazzjoni formali li l-attakki sistematiċi u mifruxa tal-militar kontra l-poplu tal-Myanmar x'aktarx jirrappreżentaw delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra skont id-dritt internazzjonali; billi r-Rapporteur Speċjali tan-NU ddikjara b'mod espliċitu li l-arkitetti u l-awturi tal-kolp ta' stat u l-ksur għandhom jinżammu responsabbli;

W. billi, sal-lum, il-Kummissjoni għadha ma bdietx investigazzjoni skont l-Artikolu 19(1)(a) tar-Regolament SĠP[11] bil-ħsieb li tissospendi l-preferenzi kummerċjali li minnhom jibbenefika l-Myanmar, kif mitlub formalment mill-Parlament, b'maġġoranza kbira ħafna, f'Ġunju 2018, f'Settembru 2018, f'Settembru 2019, fi Frar 2021 u f'Ottubru 2021;

1. Jikkundanna bil-qawwa l-kolp ta' stat tal-1 ta' Frar 2021, li ġie eżegwit mit-Tatmadaw taħt it-tmexxija tal-Kap Kmandant Min Aung Hlaing, u l-atroċitajiet ħorox li rriżultaw, il-qtil tal-massa u l-ksur mifrux tad-drittijiet tal-bniedem kontra l-popolazzjoni tal-Myanmar;

2. Jistieden lit-Tatmadaw jirrispetta bis-sħiħ l-eżitu tal-elezzjonijiet demokratiċi ta' Novembru 2020, idaħħal lura lill-gvern ċivili u jtemm l-istat ta' emerġenza; jappoġġja lill-Pyidaungsu Hluttaw, il-Gvern ta' Unità Nazzjonali u l-Kunsill Konsultattiv għall-Unità Nazzjonali bħala l-uniċi rappreżentanti leġittimi tax-xewqat demokratiċi tal-poplu tal-Myanmar;

3. Jistieden lill-militar tal-Myanmar iwaqqaf immedjatament il-vjolenza u l-attakki kollha kontra l-poplu tal-Myanmar fil-partijiet kollha tal-pajjiż, jeħles lil Aung San Suu Kyi u lill-priġunieri politiċi l-oħra kollha, inklużi l-mexxejja reliġjużi, immedjatament u mingħajr kundizzjonijiet, u jieħu passi biex jistabbilixxi triq lejn id-djalogu u r-rikonċiljazzjoni mal-partijiet kollha kkonċernati, inklużi l-Gvern ta' Unità Nazzjonali, il-Pyidaungsu Hluttaw u r-rappreżentanti tal-gruppi etniċi kollha involuti, filwaqt li jiżgura li l-libertajiet fundamentali tal-espressjoni, tal-assoċjazzjoni u tal-għaqda paċifika, kif ukoll tar-reliġjon jew tat-twemmin, jiġu rispettati bis-sħiħ;

4. Huwa xxukkjat bid-delitti kommessi mit-Tatmadaw kontra l-gruppi etniċi u reliġjużi fil-Myanmar; jikkundanna bil-qawwa l-attakki min-naħa tat-Tatmadaw fl-istati ta' Kayin, Kayah, Kachin, Shan u Chin, u r-reġjuni ta' Magwe u Sagaing, li rriżultaw fi spostamenti fuq skala kbira, fil-mewt ta' persuni ċivili, fosthom tfal, fil-qerda ta' binjiet reliġjużi, u ksur ieħor tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju;

5. Itenni l-kundanna tiegħu tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-attakki sistematiċi u mifruxin kontra l-popolazzjoni Rohingya; jissottolinja li l-UE se tkompli timmonitorja mill-qrib l-azzjonijiet tat-tmexxija militari fil-konfront tal-minoranzi tal-pajjiż, inkluża l-popolazzjoni Rohingya;

6. Jikkundanna l-persekuzzjoni tal-Insara fil-pajjiż; iħeġġeġ lit-Tatmadaw jieqaf joqtol u jarresta lill-Insara u jwaqqaf il-bombardamenti u s-sakkeġġi tal-knejjes; jenfasizza li l-

[11] Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati. ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1.

komunità internazzjonali esprimiet it-tħassib kbir tagħha għall-attakki vjolenti kontra l-komuntajiet Insara tal-Myanmar;

7. Jikkundanna kwalunkwe użu tal-vjolenza mill-ġunta kontra ċ-ċittadini tagħha kif ukoll forom oħrajn ta' fastidju, b'mod partikolari fil-konfront tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, tal-attivisti tas-soċjetà ċivili u tal-ġurnalisti; jiddeplora r-restrizzjonijiet fuq id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u drittijiet oħra tal-bniedem; iħeġġeġ lill-ġunta tneħħi kwalunkwe restrizzjoni tat-telekomunikazzjonijiet u tal-internet, inklużi s-siti web tal-media indipendenti u l-pjattaformi tal-media soċjali;

8. Jikkundanna u jiċħad bil-qawwa kull vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru mwettqa mill-militar bħala parti minn strateġija intenzjonata biex tintimida, titterrorizza u tikkastiga lill-popolazzjoni ċivili, inklużi l-minoranzi etniċi; jikkundanna l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa, li jikkostitwixxu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dinjità tan-nisa u l-bniet;

9. Jikkundanna ż-żieda fil-ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema, b'mod partikolari fis-setturi tal-ħwejjeġ, u l-attakki kontra t-trade unions u d-difensuri tad-drittijiet tal-ħaddiema u l-abbuż tagħhom; Jitlob li tintemm il-vjolenza fil-konfront tal-ħaddiema u tat-trade unions u li d-drittijiet tat-trade unions u tal-membri tagħhom jiġu mħarsa, inkluż id-dritt li joperaw liberament;

10. Jikkundanna l-attakki min-naħa tal-awtoritajiet militari għad-dannu tal-professjonijiet u l-faċilitajiet tas-settur mediku, kif ukoll ir-risposta ta' dawn l-awtoritajiet għall-pandemija tal-COVID-19; iħeġġeġ lill-ġunta tistabbilixxi mill-ġdid strateġija ta' konteniment u sistema ta' traċċar tal-kuntatti, kif ukoll tiżgura li l-popolazzjoni jkollha aċċess għas-servizzi tas-saħħa u għall-vaċċini; jitlob lill-Kummissjoni żżid l-appoġġ tagħha f'dan ir-rigward, inkluż billi tipprovdi dożi ta' vaċċini kontra l-COVID-19, u tiggarantixxi li dawn jaslu għand iċ-ċittadini tal-Myanmar;

11. Jiddispjaċih li l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU naqas milli jiddiskuti abbozz ta' riżoluzzjoni dwar il-Myanmar u jistieden lill-Istati Membri tal-UE u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jżidu l-pressjoni fuq il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU bil-ħsieb li tinkiseb unità fl-adozzjoni ta' sanzjonijiet immirati, inklużi projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar globali u ffriżar tal-assi fuq it-tmexxija tal-ġunta u tal-konglomerati b'sidien militari, u fl-impożizzjoni ta' embargo globali komprensiv fuq l-armi fuq il-Myanmar u fis-sospensjoni tal-provvista diretta u indiretta kollha, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' armi u prodotti b'użu doppju, munizzjon u tagħmir militari u ta' sigurtà ieħor, kif ukoll l-għoti ta' taħriġ jew assistenza militari u ta' sigurtà oħra; jistieden lill-Istati Membri u lill-pajjiżi assoċjati jżommu l-embargo li jissospendi l-provvista, il-bejgħ u t-trasferiment diretti jew indiretti, inklużi t-tranżitu, l-ispedizzjoni u l-intermedjazzjoni, tal-armi, tal-munizzjon u tat-tagħmir u tas-sistemi militari, ta' sigurtà u ta' sorveljanza kollha, kif ukoll il-forniment ta' taħriġ, il-manutenzjoni jew il-forom l-oħra ta' assistenza militari u ta' sigurtà; jisħaq fuq il-bżonn li l-Qorti Kriminali Internazzjonali twettaq investigazzjoni ulterjuri tas-sitwazzjoni;

12. Jikkundanna bil-qawwa l-provvista ta' armi u tagħmir militari lit-Tatmadaw miċ-Ċina, ir-Russja u s-Serbja; jisħaq li dawk il-pajjiżi li, bħaċ-Ċina, ir-Russja u s-Serbja, qed

jipprovdu armi lill-ġunta tal-Myanmar, huma direttament responsabbli għall-atroċitajiet imwettqa b'dawk l-armi;

13. Jikkundanna bil-qawwa l-appoġġ tal-ġunta tal-Myanmar għall-gwerra illegali li r-Russja qed tagħmel fl-Ukrajna;

14. Huwa tal-fehma li l-kunsens tal-ħames punti tal-ASEAN għadu ma wassal għall-ebda riżultat; jitlob lill-ASEAN, lill-membri tagħha u b'mod partikolari lill-Mibgħut Speċjali tagħha għall-Myanmar jagħmlu użu aktar proattiv tar-rwol speċjali tagħhom fil-pajjiż, jikkooperaw mal-Mibgħut Speċjali tan-NU u jibdew djalogu mal-partijiet involuti kollha, primarjament mal-Gvern ta' Unità Nazzjonali u mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari n-nisa u l-gruppi etniċi, bil-għan li jippromwovu, bħala minimu, l-implimentazzjoni effettiva u sinifikanti tal-kunsens tal-ħames punti biex tintlaħaq riżoluzzjoni sostenibbli u demokratika tal-kriżi attwali fil-futur qrib; jiddeplora ż-żjara tal-Prim Ministru tal-Kambodja Hun Sen lill-Kmandant militari tal-Myanmar Min Aung Hlaing fis-7 ta' Jannar 2022, billi, peress li kienet l-ewwel żjara minn kap tal-gvern lill-ġunta sa mill-kolp ta' stat, ta leġittimità lill-ġunta;

15. Iħeġġeġ lill-partijiet kollha għall-kriżi fil-Myanmar jiffaċilitaw l-aċċess sikur u mingħajr xkiel għall-assistenza umanitarja u jagħtu aċċess lill-ħaddiema umanitarji; jistieden lill-Kummissjoni tiddiżimpenja ruħha mir-relazzjonijiet ta' ħidma mal-ġunta fl-għoti ta' assistenza umanitarja, u b'hekk tipprevjeniha milli tuża l-għajnuna umanitarja bħala arma; jistieden lill-Kummissjoni torjenta mill-ġdid u tintensifika l-għajnuna umanitarja, inkluż l-appoġġ sanitarju, permezz ta' kanali transfruntieri, networks umanitarji lokali, fornituri ta' servizzi etniċi kif ukoll organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u dawk li joperaw fil-livell tal-komunitajiet; jistieden lill-Kummissjoni tanalizza l-aħjar mod kif twettaq proġetti ta' żvilupp ma' dawn il-gruppi u torjenta l-għajnuna għall-iżvilupp skont dan;

16. Jikkundanna l-pushbacks ta' rifuġjati mill-pajjiżi ġirien lura lejn il-Myanmar, li jiksru l-prinċipju ta' non-refoulement; jistieden lill-pajjiżi ġirien, speċjalment it-Tajlandja, l-Indja u ċ-Ċina, jiżguraw aċċess għar-rifuġjati li jaqsmu l-fruntiera; jistieden lil dawn il-gvernijiet jiżguraw li l-organizzazzjonijiet tal-għajnuna u tas-soċjetà ċivili jitħallew jaċċedu għaż-żoni li fihom jinsabu l-persuni spostati internament tul il-konfini tagħhom mal-Myanmar;

17. Jistieden lill-UE, lill-Istati Membri tagħha u lill-komunità internazzjonali jonoraw b'urġenza l-obbligi finanzjarji tagħhom fir-rigward tal-Pjan ta' Risposta Umanitarja tan-NU għall-Myanmar tal-2021;

18. Jilqa' l-erba' sensiliet ta' sanzjonijiet tal-UE fuq il-kolp ta' stat militari u r-ripressjoni sussegwenti; iħeġġeġ lill-Kunsill jinkludi lill-Kunsill ta' Amministrazzjoni tal-Istat bħala entità, minflok il-membri individwali tiegħu, fil-lista tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, tal-entitajiet u tal-organi suġġetti għal miżuri restrittivi; jilqa' d-deċiżjoni tal-UE li żżid lill-MOGE mal-lista ta' entitajiet sanzjonati; jistieden lill-Kunsill ireġġa' lura d-deroga li tippermetti b'mod espliċitu lill-operaturi taż-żejt u tal-gass tal-UE li jibqgħu fil-Myanmar biex iwettqu tranżazzjonijiet finanzjarji mal-MOGE u jħeġġeġ lill-Istati Membri joqogħdu lura milli jimplimentaw id-deroga; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati

Membri tal-UE jiżguraw li l-irtirar ta' kumpaniji tal-UE li jikkonformaw mas-sanzjonijiet ma jibbenefikax lill-ġunta, f'konformità mal-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, inkluż billi jiġi ċċarat li l-ishma tal-kumpaniji ma jistgħux jinbiegħu jew jiġu ttrasferiti lill-MOGE jew lil intrapriżi oħra taħt l-infurzar tas-sanzjonijiet; jenfasizza li aktar koordinazzjoni internazzjonali ma' ġurisdizzjonijiet tal-istess fehma hija essenzjali; jistieden lill-Kunsill jimmira wkoll lejn ir-riżervi tal-bank ċentrali f'ċiklu ulterjuri ta' sanzjonijiet; jenfasizza li dan ikun jeħtieġ l-impożizzjoni ta' ffriżar tal-assi u projbizzjonijiet fuq it-trasferimenti finanzjarji internazzjonali fuq iż-żewġ banek tal-Istat, il-Myanmar Foreign Trade Bank u l-Myanmar Investment u Commercial Bank;

19. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jesploraw il-modi kollha għall-ġustizzja u l-obbligu ta' rendikont għal delitti internazzjonali gravi mwettqa mill-forzi tas-sigurtà, inklużi delitti kontra l-umanità mwettqa wara l-kolp ta' stat, kif ukoll delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u atti ta' ġenoċidju mwettqa f'Rakhine u fi stati etniċi oħra fuq perjodu ta' deċennji, billi jappoġġjaw riferiment tas-sitwazzjoni mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU lill-QKI, jappoġġjaw formalment il-każ imressaq mill-Gambja kontra l-Myanmar quddiem il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar il-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju, u jkomplu jiżguraw li l-Mekkaniżmu ta' Investigazzjoni Indipendenti għall-Myanmar ikun iffinanzjat u appoġġjat bis-sħiħ;

20. Jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib jekk jenħtieġx li titnieda investigazzjoni dwar l-irtirar tal-iskema "Kollox ħlief Armi", bil-ħsieb li jiġu sospiżi l-preferenzi kummerċjali li jibbenefikaw lill-Myanmar f'setturi speċifiċi, b'mod partikolari kumpaniji li jappartjenu għal membri tal-militar tal-Myanmar, u biex iżżomm lill-Parlament infurmat kif xieraq dwar il-passi li għandhom jittieħdu;

21. Jenfasizza li n-negozji lokali u multinazzjonali li joperaw fil-Myanmar iridu jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u jieqfu jippermettu lill-awturi ta' abbużi; iħeġġeġ bil-qawwa lin-negozji bbażati fl-UE, f'dan l-ambitu, biex jiżguraw li ma għandhom l-ebda rabta mal-forzi tas-sigurtà tal-Myanmar, mal-membri individwali tagħhom, jew mal-entitajiet li huma proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom, u li mhumiex qed jikkontribwixxu, direttament jew indirettament, għar-repressjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem mill-militar;

22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-President leġittimu u lill-Gvern ta' Unità Nazzjonali tal-Myanmar, lill-Kumitat li jirrappreżenta lill-Pyidaungsu Hluttaw, lill-Kunsillier tal-Istat tal-Myanmar, lit-Tatmadaw, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Istati Membri tal-ASEAN, lis-Segretarju Ġenerali tal-ASEAN, lill-Kummissjoni Intergovernattiva tal-ASEAN dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar, lill-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Rifuġjati u lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU.